**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**
**Vs**
**Mohamed Ishaq Adam Yakub**
**Osman Ibrahim Mehamed**

**Illum 10 ta' Gunju 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta '**Mohamed Ishaq Adam Yakub**, ta' nazzjonalità Sudaniza, imwieled Niala, Sudan, nhar it-2 ta 'Jannar 1994, iben Ishaq Adam Yakub u Hawha Muhammed Adam Mousa, detentur ta' numru tal-Pulizija 20H-021 u residenti Hal Far Open Centre, u fil-konfront ta '**Osman Ibrahim Mehamed**, ta' nazzjonalità Sudaniza, imwieled Sudan, nhar il-1 ta 'Jannar 1999, iben Ibrahim Mehamed u Fatima, detentur ta' numru tal-Pulizija 20H-069 u residenti Hal-Far Tent Village talli:

1. Fid-9 ta' Gunju 2021 ghall-habta ta' 16:30hrs gewwa t-Terminal tal-vapuri, Rahal Gdid, bhala persuni illi mbarkaw jew zbarkaw, minn jew go Malta, naqsu illi jaghtu lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg, u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, lok u cirkustanzi, bil-mohbi mbarkaw u bahhru ma' bastiment, jew ippruvaw bil-mohbi jimbarkaw biex ibahhru ma' bastiment, minghajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' ufficjal jew persuna ohra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna ohra li jkollha d-dritt li taghti dak il-kunsens, u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqsu li jidhlu gewwa xi area maghluqa ta' port jew li hargu minnha mill-postijiet tad-dhul jew hrug mahsuba ghalhekk u waqt li kienu f'dik l-area jew fuq dak il-moll, naqsu milli jharsu dawk l-ordnijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jinghataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-kaz u l-kondizzjonijiet ta' kull avviz jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità, u dan bi ksur tar-Regolament 55 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.35 tal-Ligijiet ta 'Malta;

4. Fl-istess data, lok u ciskostanzi, dhalu jew baqghu f'zona ta' sigurtà portwali minghajr ma kienu awtorizzati mill-awtorità nominata jew mill-operatur tal-

facilità portwali, u dan bi ksur tar-Regolament 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.35 tal-Ligijiet ta 'Malta;

5. Fl-istess data, lok u cirskostanzi, kisru xi dispozizzjoni li dwarha mhux stabbilit reat taht xi artikolu iehor tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U lil **Mohamed Ishaq Adam Yakub** waħdu:

6. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (i) fedina penali ta' l-imputat Osman Ibrahim Mehamed - Dok. "A"; (ii) il-fedina penali ta' l-imputat Mohamed Ishaq Adam Yakub - Dok. "B"; (iii) il-personal details form ta' l-imputat Mohamed Ishaq Adam Yakub - Dok. "C"; (iv) il-personal details form ta' l-imputat Osman Ibrahim Mehamed - Dok. "D"; (v) dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali ta' l-imputat Mohamed Ishaq Adam Yakub - Dok. "E"; (vi) dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali ta' l-imputat Osman Ibrahim Mehamed - Dok. "F"; (vii) stqarrija ta' l-imputat Mohamed Ishaq Adam Yakub - Dok. "G"; (viii) stqarrija ta' l-imputat Osman Ibrahim Mehamed - Dok. "H"; (ix) rapport tal-Pulizija dwar dan il-kaz - Dok. "I"; u (x) dokument mahrug mill-Valletta Gateway Terminals Ltd. - Dok. "J";

Rat li l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata minn entrambe l-imputati wara li l-Qorti, a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigu akkuzati talli: (1) fid-9 ta' Gunju 2021 ghall-habta ta' 16:30hrs gewwa t-Terminal tal-vapuri, Rahal Gdid, bhala persuni illi mbarkaw jew zbarkaw, minn jew go Malta, naqsu illi jaghtu lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg, u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) fl-istess data, lok u cirkustanzi, bil-mohbi mbarkaw u bahhru ma' bastiment, jew ippruvaw bil-mohbi jimbarkaw biex ibahhru ma' bastiment, minghajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta' ufficjal jew persuna ohra inkarigata mill-bastiment, jew ta' xi persuna ohra li jkollha d-dritt li taghti dak il-kunsens, u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqsu li jidhlu gewwa xi area maghluqa ta' port jew li hargu minnha mill-postijiet tad-dhul jew hrug mahsuba ghalhekk u waqt li kienu f'dik l-area jew fuq dak il-moll, naqsu milli jharsu dawk l-ordnijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jinghataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-kaz u l-kondizzjonijiet ta' kull avviz jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità, u dan bi ksur tar-Regolament 55 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.35 tal-

Ligijiet ta 'Malta; (4) fl-istess data, lok u ciskostanzi, dhalu jew baqghu f'zona ta' sigurtà portwali minghajr ma kienu awtorizzati mill-awtorità nominata jew mill-operatur tal-facilità portwali, u dan bi ksur tar-Regolament 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.35 tal-Ligijiet ta 'Malta; (5) fl-istess data, lok u cirskostanzi, kisru xi dispozizzjoni li dwarha mhux stabbilit reat taht xi artikolu iehor tal-Att dwar l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta ' l-Artikolu 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat Mohamed Ishaq Adam Yakub wahdu qed jigi akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva moghtija fil-konfront tieghu mill-Qrati ta' Malta.

L-imputati iddikjaraw li huma hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibhom hatja ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrihom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li kooperaw mal-Pulizija u li ghandhom fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 184 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 55 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.01 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 41 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.35 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ittenni li qed issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom, tikkundanna:

- Lill-imputat **Mohamed Ishaq Adam Yakun** ghal disa' (9) xhur prigunerija effettiva; u
- Lill-imputat **Osman Ibrahim Mehamed** ghal sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti infurmat lill-imputati bid-dritt taghhom li jinghataw kopja tas-sentenza f'lingwa li jifhmu. L-imputati jiddikjaraw li jixtiequ kopja tas-sentenza bil-lingwa Gharbija u l-Qorti qed tinnomina lil Dounia Borg sabiex taghmel traduzzjoni tas-sentenza mill-Malti ghall-lingwa Gharbija.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**